Labor Ante Omnia

Triq Sannat
Ta' Sannat, SNT 9020
Għawdex, Malta

Tel: 00356 21554747
Fax: 00356 21563535
email: sannat.lc@gov.mt
http://www.sannat.gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## Laqgħa Nru. 58 – 2016

Data: L-Erbgħa 26 ta' Ottubru, 2016

Hin: 1.30 p.m.

Post: Sala tal-laqgħat tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

---

Preżenti:

Philip Vella – *Sindku*
Frances Galea – *Viċi Sindku*
Joseph Bajada – *Kunsillier*
Margaret Said – *Kunsilliera*
Jason Curmi – *Segretarju Eżekuttiv*

Maria Cassar Sultana – *Kunsilliera* – Skużata

Kasy Mercieca – *Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ* – Skużata

Skużati: 2

Assenti: 0

---

# AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 57/2016
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Tiġdid ta' kuntratti
4. Komunikazzjoni mis-Sindku;
5. Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
6. Ilmenti u Suġġerimenti;
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
8. Aġġornament.

## Minuti – 58/2016

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 57 – 2016

**1.1** Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, is-Sindku rringrazzja lill-Kunsill peress li sar bdil fil-ġurnata tal-Laqgħa ta' illum minflok il-bieraħ peress li sar l-funeral tan-nanna tiegħu. Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħat preċendenti Nru. 57 – 2016 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Approvazzjoni tal-Minuti 57-2016

# 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa l-bieraħ fuq il-post dwar x-xogħolojiet mall-kuntrattur Road Construction Ltd. fuq it-trinek biex għadda cable minn diversi toroq Triq it-Tin, Triq Saguna, Triq il-Kbira, Triq l-10 ta' Ottubru 1942, Triq Gerxija u Triq Żabetta mill-kumpanija Solar Power. Is-Sindku qal li l-Kuntrattur mess u qatta il-wiċċ ta' Triq il-Pinnur mingħajr ma din kienet inkulża fil-permess tat-TM. Waqt din il-laqgħa sar l-immarkar tal wisa' ta' dawn it-trinek u dawn għandhom jingħataw wiċċ ġdid bit-tarmak. Fi Triq Gerxija għad fadal xi trabijiet u li l-Kuntrattur għandu jiġbor dan inkluż wkoll li jibni xi ħitan tas-sejjieħ li waqgħu waqt li kien qed isir dan ix-xogħol. Dwar Triq Bardan il-Kunsill għandu jitlob lil Perit tal-Kunsill biex jara dan ix-xogħol kif sar. F'każ li dan ix-xogħol ma jsirx kif xieraq għandu jitqabbad l-Avukat tal-Kunsill biex jikteb lill-Kuntrattur biex dan ix-xogħol isir kif jixraq.

Xogħolijiet ta' trinek f'Ta' Sannat

**2.2** Il-Kunsill iddiskuta l-Ġemellaġġ ma' Montefiascone li sar bejn il-Ġimgħa 30 ta' Settembru sat-Tlieta 4 ta' Ottubru 2016. Is-Sindku qal li d-delegazzjoni qalet li ħadet ġost bl-akkoljenza kbira mir-raħal Ta' Sannat. Is-Sindku qal li l-feature/video clip li ntwera fil-Pjazza Santa Margerita meta waslet id-delegazzjoni u li sar kollu b'xejn minn Philip Cassar ta' Gozo Vision Studio inħadem b'xejn lill-Kunsill. Il-Kunsill għamel kopja ta' dan fuq CD u ngħata lill-kull persuna mid-delegazzjoni bħala souvenier tar-raħal.

Il-Ġemellaġġ ma' Montefiascone

**2.3** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva draft tal-ftehim mingħand id-Direttur tal-Active Ageing & Community Care Directorate għal użu tas-Sala tal-Kunsill fejn dan intbgħat lil kull Kunsillier u lill-Avukat tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu talab il-kunsens/awtorizzazzjoni tad-Direttur għall-Gvern Lokali biex dan jiġi ffirmat mis-Sindku u minnhu.

Draft tal-Kuntratt mall-Active Ageing & Community Care

**2.4** Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li dwar il-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv, hu nforma lis-Sur Ruben Cassar b'din il-ħatra u li dan aċċetta. Is-Segretarju qal li hu nforma b'dan lid-DLG. Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta mid-DLG dwar din il-ħatra.

Hatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

**2.5** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar is-seasonal influenza vaccine din ser tingħata fil-bidu ta' Novembru mis-Sur Carmel Camilleri peress li s-

Influnza Vaccine

Sinjura RoseAnne Attard qalet li din is-sena  ma tistax.

**2.6** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li saret laqgħa nhar it-Tlieta 18 ta' Ottubru, 2016 ma l-Accountant dwar il-pjan finanzjarju biex titnaqqas il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill mill-istat tal-iżbilanċ tas-sena 2015 biex jiġi preparat u jintbgħat CashFlow Projection Report li ntalab mid-Direttur għall-Gvern Lokali. L-Uffiċċju tal-Kunsill flimkien ma l-Accountant qed jaħdmu flimkien fuq il-Fixed Assets Register tal-Kunsill.

Laqgħa mall-Accountant u l-Fixed Assets Register

# 3. Tiġdid tal-Kuntratti

**3.1** Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill dwar dawn il-Kuntratti li waslu biex jerġgħu jiġġeddu:

Tiġdid tal-Kuntratti

Kwotazzjoni Nru 02/2015 – Servizz ta' Open Skips kull nhar ta' Sibt mas-Sur Andre' Saliba 1.7.2016 sa 30.6.2017.
Offerta Nru 03/2015 – Servizz ta' Bulky Refuse Collection ma' White Horse Recycling Ltd. 1.9.2016 sa 31.8.2017.
Offerta Nru 06/2015 – Servizz ta' l-Accountant mas-Sinjura Pauliana Said 1.9.2016 sa 31.8.2017.

Il-Kunsill qal li huwa sodisfatt b'dawn is-servizzi u ser jerġa jġedded dawn il-kuntratti għal sena oħra.

**3.2** Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-Kuntratt Nru. 02/2013 tat-tindif u tal-manutensjoni tal-playing field fi Triq Marziena ser jiskadi fl-1 ta' Diċembru 2016. Is-Sindku qal li peress li l-proċess tal-ħruġ tal-offerti jieħu ftit taż-żmien hu tal-fehma li ssir laqgħa apposta mall-Kuntrattur preżenti. Il-Kunsill qabel ma dan.

# 4. Komunikazzjoni mis-Sindku

**4.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għall-2016 – Memo 30/2015 fejn l-Kunsill kien applika għal attivita' oħra bl-isem "The Christmas Grand Concert 2016", il-Kunsill ġie nfurmat li l-Bord kien tal-fehma li l-applikazzjoni tagħna ma kienetx qed tippromwovi l-Linji Gwida mitluba u ma tolqotx l-għan prinċipali li nsaħħu t-turiżmu u li ma kienetx attivita' li jappoġġjaw il-programm kulturali tal-Valletta 2018.

Memo 30-2015 The Grand Christmas Concert 2016

**4.2** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie mitlub mit-Taqsima tal-Kultura d-data tal-Karnival għas-sena 2017 f' Ta' Sannat. Il-Kunsill  nfurmah li l-ġurnata ser tkun it-Tnejn tal-Karnival dejjem jekk dan isir.

Data Karnival 2017

**4.4** Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali rċieva mingħand il-Planning Authority dwar garanzija li l Gvern kien għamel u li din ma tistax tiġi rrilaxxata fuq il-Kalkara tal-Ġir li tinsab biswit l-Uffiċċju tal-Kunsill, peress li saret site inspection u rriżulta li din għandha terġa tiġi rrestawrata mill-ġdid. Il-Kunsill qal li ma għandux il-finanzi rikjesti biex jgħamel dan ix-xogħol għalissa.

Talba għar-restawr tal-Kalkara tal-Ġir mill-Planning Authority

**4.5** Is-Sindku qal li Transport Malta qed titlob layout plan ta' traffic management f' Ta' Sannat Il-Kunsill ser ikun jista jipprovdi dan wara li Triq Ta' Ċenċ issir b'wiċċ ta tarmak ġdid mill-MGOZ. Traffic Management f'Ta' Sannat

**4.6** Is-Sindku qal li ssa beda wkoll l-ġbir tal-iskart organiku u r-residenti bdew jilmentaw u bir-raġun peress li l-iskart fil-borża s-sewda qed isir kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Sibt u li dan qed ikunu qrib wisq. Il-Kunsilli Ta' Sannat, Ix-Xagħra u x-Xewkija għamlu l-intervent tagħhom peress li għandhom kuntratt wieħed mall-Kumpanja WasteServ u ser jibdlu l-ġurnata ta nhar ta' Sibt għal nhar ta' Ħamis b'hekk l-interval bejn ġbir u ieħor ser ikun aktar konvenjenti. Dan is-servizz ser jibda jiffunzjona mill-1 ta' Novembru. Il-Kunsill ħejja newsletter/flyer apposta dwar l-ġbir tal-iskart kollu fir-raħal bl-ispejjes tal-flyer u l-posta għall-WasteServ Ltd. Il-Kunsill għandu jibdel il-"wording" tat-tlett bill boards li għandu fil-lokalita' dwar l-iskart dik ta' Triq Skerla, Triq Durell u Triq Bebunaq. Bdil fil-granet tal-ġbir tal-iskart

**4.7** Is-Sindku qal li l-Parroċċa Ta' Sannat għaddiet ċedola bil-lista tal-attivitajiet ta' Fund Raising li għandu ir-raħal matul ix-xhur ta' Ottubru, Novembru u Diċembru 2016 biex il-Kunsill ikun jaf bl-attivitajiet kollha li ser isiru fir-raħal. Lista tal-attivitajiet f' Ta' Sannat Ott-Diċ 2016

**4.8** Is-Sindku semma' li fil-weekend li għadda fi Triq Ta' Ċenċ fejn sar tarmak ġdid mill-W.S.C. tal-proġett tal-pipeline qabel il-bidu ta' Triq tal-Gruwa sfrondatt tappiera kbira tal-kumpanija Go p.l.c. Il-Kumpanija Go p.l.c. għamlet barriers apposta biex jevitaw il-periklu. Il-Kunsill ġa tkellem mall-kumpanija biex tirranġa mill-aktar fis dan il-periklu. Il-kumpanija qed tgħid li hija r-responsabilta' tal-kuntrattur li għamel it-triq bit-tarmak meta l-kuntrattur qed jgħid li hu kellhu x'jaqsam biss mat-tħammil u t-tqegħid tat-tarmak. Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku qalu li diġa ġibdu l-attenzjoni lill-awtoritajiet kompetenti dwar dan. Tappiera tal-kumpanija GO p.l.c. fi Triq Ta' Ċenċ

**4.9** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-patching fi Triq Saguna, Triq Palazz Palina u Triq l-20 ta' Lulju għadu ma sarx. Il-Kunsill għandu jgħamel dan meta l-ħaddiema tal-MGOZ ikunu jistgħu. Il-Kunsilliera Margaret Said qalet li fi Triq tal-Gruwa wkoll hemm xi ħofor u għandhom bżonn il-patching. Patching: Triq Saguna Triq Palazz Palina Triq l-20 ta' Lulju

**4.10** Is-Sindku qal li ġie mistieden mill-Ministeru għal Għawdex biex jattendi għal laqgħat li ser isiru apposta dwar Triq Sannat fejn ix-xogħol beda biss fi Triq it-Tabib Anton Tabone (il-Qasam). Il-Kunsillieri preżenti qalu li fil-Qasam hemm nuqqas ta' dawl kemm ilu li nbidlu l-bozoz. Is-Sindku qal li dwar il-pjanta għand il-Planning Authority ta' Sannat Junction it-trakking No huwa 175666. Il-Kunsillier Joseph Bajada talab lil Kunsill biex jara l-pjanta ta' Sannat Junction. Kien hemm qbil biex il-Perit tal-Kunsill jara li l-parking fi Triq Sannat isir kollu fuq naħa waħda, n-naħa tal-Uffiċċju tal-Kunsill, l-Għassa tal-Pulizija u tal-iskola. Is-Sindku qal li skond id-Direttur għal Proġetti u l-Iżvillup - MGOZ d-dokumenti għal offerti ta' Triq Sannat ser ikunu lesti dalwaqt. Il-Kunsillieri staqsew ukoll dwar meta ser titkompla Triq Ta' Ċenċ il-parti t'isfel bit-tarmak u tibda Triq Mġarr ix-Xini bil-konkos. Dwar dan kien hemm qbil biex tintbgħat imejl lid-Direttur għal Proġetti u l-Iżvillup - MGOZ. MGOZ Triq Sannat Triq Ta' Ċenċ Triq Mġarr ix-Xini

**4.11** Is-Sindku qal li biex niffrankaw ftit mill-ispejjeż ta din is-sena fi Triq Sannat mhux ser isir tiżjin b'dawl dekorattiv għal żmien il-festi tal-Milied u Tiżjin tal-Milied 2016

tal-Ewwel tas-Sena, dan peress li għat-tieni sena konsekuttiva il-Ministeru għal Għawdex ser jerġa jarma s-siġra l-kbira tal-awrikarja bid-dwal dekorattiv u bħas-snin l-imgħoddija ser jiġi armat il-presepju mill-Kunsill fi Pjazza Santa Margerita. Is-Sindku qal li ser jitlob ukoll lill-Kumpanija ELC biex jara hemmx il-possibilta' biex f' Sannat Junction jiżdied ukoll xi tip ta' dawl dekorattiv. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill.

# 5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**5.1** Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-EneMalta nfurmatu li hemm bżonn urġenti li jsir shifting ta' bożża Nru 070 li tinsab fuq arblu qadim biex din tinqala u tiġi mwaħħla ma arblu ieħor ġdid fi Triq tal-Lewż. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill.

Shiffting ta' bozza Triq tal-Lewz

**5.2** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ħaddiema assenjati mall-Kunsill ġibdulu l-attenzjoni li fir-recreational area fit-Triq id-Daħla taċ-Ċnus sabu l-ġebel maqlugħ, ħajt imwaqqa', il-picnic tables bil-ġebel fuqhom u ħmieġ esaġerat fil-bins. Dawn il-ħaddiema ġa bnew dan il-ħajt u nadfu dan il-post.

Recreational Area Daħla taċ-Ċnus

**5.3** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġiet ordnata grada tal-ħadid fit-tieqa tal-faċċata ta' quddiem tal-bini tal-Uffiċċju biex b'hekk il-Kunsill ikun hemm aktar sigurta.

Grada tal-ħadid Fit-tieqa tal-uffiċċju

**5.4** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li xi residenti staqsew jekk hux ser isir kontenitur għal ġbir tal-ħwejjeġ, basktijiet u żraben kif diġa qed isir f'lokalitajiet oħra f'Għawdex. Hu qal li f'Ġunju li għadda l-kumpanija Refab - Electo Waste kienet bgħatet imejl dwar dan. Minn informazzjoni li kiseb mingħand is-Sur Brian Cardona, d-direttur ta din il-kumpanija, dan qallu li dan is-servizz qed jiġi użat ħafna mir-residenti ta' fejn hemm dan il-kontenitur u b'hekk qed jitnaqqas ir-rimi fil-landfill. Is-Sur Cardona qal li sa ssa qed jinġabar madwar 400,000 kg fis-sena ta' materjal li qed jiġu esportati fl-ewropa u fil-pajjizi tat-tielet dinja. Il-kontenitur tal-ħadid huwa ta' metru b'metru wiesgħa u għoli żewġ metri. Is-Sur Cardona ssuġġerixxa lill-Kunsill biex jekk isir dan jitpoġġa fil-wesgħa ħdejn l-entratura tal-playing field fi Triq Marziena. Il-Kunsill qabel li jsir dan iżda qed jitlob li dan isir fil-bitħa tal-Uffiċċju ħdejn il-Kalkara tal-Ġir biex b'hekk inżommu l-indafa fil-lokal.

Refab – Clothes Recycling bin

**5.5** Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill li peress li din is-sena intefqu ammont sostanzjali ta' flus f'attivitajiet diversi u li l-Kunsill irid joqgħod ħafna attent għal dan l-infieq peress li l-allokazzjoni tal-Kunsill hi dik li hi l-Kunsill għandu jħoss li mhux f'pozizzjoni li din is-sena ssir l-attivita tal-Jum Dinji tat-tfal. Dwar dan kien hemm qbil biex din l-attivita' ma ssirx.

Jum Dinji tat-tfal 2016

**5.6** Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularitajiet u Direttiva mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri b'permezz tal-imejl. Dawn huma-

Ċirkularijiet u Direttiva

Ċirkularijiet:

| | |
|---|---|
| 23A/20.09 | Corrigendum għal Cirkulari numru 23/2016 |
| 25/22.09 | Sejħiet għall-Offerti li jinkludu Accessibilita |
| 26/22.09 | Kampanja 'Pink October 2016' |
| 27/27.09 | Skema ta' finanzjament: Progetti Kapitali-Iffirmar ta' Kuntratti |
| 28/03.10 | Applowdjar ta' dokumenti fuq is-sit www.lc.gov.mt |
| 29/04.10 | Struzzjonijiet lill-Kunsilli Lokali dwar Tilqim kontra l-Influwenza |
| 30/06.10 | Ilmenti mressqa quddiem Servizz.Gov |
| 31/18.10 | Inizjattiva ta' Taħriġ dwar l-Ordnijiet Permaneneti |
| 32/19.10 | Petty Cash |
| 33/19.10 | Assigurazzjoni tal-Assi |
| 34/25.10 | Proċedura tal-Bye-Laws u ċ-Checklist |

Direttivi:

| | |
|---|---|
| 4/17.10 | Direttivi dwar Xandir Soċjali (Social Media) fil-Kunsill Lokali |

## 6. Ilmenti u Suġġerimenti

**6.1** Is-Superjur u l-Assistent Superjur tal-MUSEUM subien kitbu ittra lill-Kunsill u qed jissugerixxu u jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill dwar dan: Li tinkines b'mod regolari it-Triq ta' Xamgħan; Li jsir upgrading tal-bankijiet li hemm fuq il-bankina; Li jsir dawl aħjar; Li ssir kisja ħafifa ta' tarmac biex jevitaw it-trabijiet. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mas-Superjur u l-Assistent dwar din l-ittra. Ilmenti/ Suġġerimenti

**6.2** Is-Sinjura Anne Borg reġgħet bgħatet imejl rigward tabella għall-Bajja ta' Mġarr ix-Xini. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bagħat reminder lill-MGOZ dwar dan peress li din it-tabella ilha hemm minn qabel twaqqfu l-Kunsilli Lokali u ma tindikax biss il-Bajja ta' Mgarr ix-Xini iżda wkoll lx-Xewkija, l-Imgarr Harbour u l-Heliport. Il-Kunsill għandu jgħamel tabella fi Triq tal-Gruwa b'ritratt tal-bajja fil-bidu tat-Triq ta' Mġarr ix-Xini biex tindika lil din il-bajja meta din it-triq li ser issir bil-konkos titlesta mill-MGOZ.

**6.3** Is-Sinjura Charlotte Carrington qed titlob lill-Kunsill biex isir garbage hanger tal-ħadid fi Triq 20 ta' Lulju minħabba li dan qed jispiċċa mqatta' mill-klieb u l-qtates.

**6.4** Xi residenti minn Triq Palazz Palina qed jitlobu li jsiru double yellow lines f'din it-triq. Huma qed jilmentaw ukoll b'ħofra perikoluża u gandott fi Triq biex isir il-patching. Il-Kunsill qabel li jsir dan.

**6.5** Xi residenti minn Triq il-Kbira qed jilmentaw li fi Triq tagħhom hemm diversi ħofor u saret rampa fuq it-triq quddiem dar. Il-Kunsill għandu jara dan biex ma jerfax ir-responsabilta' jekk jiġri xi ħaga f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li quddiem din id-dar isiru double yellow lines peress li din il-parti

tat-triq hi dejqa.

**6.6** Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li ordna 2 mirja miksura waħda fi Triq il-Kbira quddiem tal-Merill u l-oħra fi Triq tal-Gruwa li ma nstabitx wara li sar ix-xogħol bit-tarmak f'din it-triq.

**6.7** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni biex fejn il-Kunsill għandu l-bring in site isiru cameras apposta. Dwar dan il-Kunsill għandu jitlob laqgħa mall-Kumpanija GreenPak.

# 7. Approvazzjoni tal-Pagamenti.

**7.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 9/2016 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti tal-laqgħa.

Approvazzjoni tal-kontijiet

# 8. Aġġornament.

**8.1** Il-laqgħa ntemmet fl-3.50 p.m. u ġiet aġġornata għal laqgħa oħra nhar it-Tlieta 6 ta' Diċembru 2016, fis-1.30 p.m.

Aġġornament

(iffirmata)

***Philip Vella***
*Sindku*

(iffirmata)

***Jason Curmi***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 6 ta' Diċembru 2016